# PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI

**IMĦALLEF**

**ONOR. AUDREY DEMICOLI LL.D.**

Rikors Ġuramentat Nru **19/2022 AD**

**EMANUEL SPAGNOL (KI 353254M) U**
**VALENTINO SIVE VALENT VELLA (KI 584057M)**

**VS**

**DR MARIO CARUANA**
**U L-PROKURATUR LEGALI SILVANA VELLA**
**LI B'DIGRIET TAT-3 TA' FRAR 2022 ĠEW MAĦTURA BĦALA KURATURI DEPUTATI BIEX JIRRAPPREŻENTAW LILL-EREDI MHUX MAGĦRUFA TA' JOHN SIVE GIOVANNI SIMIANA (KI 732028M)**

**Seduta ta' nhar il-Ġimgħa, erbatax (14) ta' Lulju 2023**

**Il-Qorti**:

1. Din hija sentenza finali dwar talba għal-likwidazzjoni u ħlas ta' serviġi reżi mir-rikorrenti lil John sive Giovanni Simiana;

**Preliminari**

2. Permezz ta' rikors ġuramentat preżentat fil-ħdax (11) ta' Jannar 2022, **<u>Emanuel Spagnol et</u>** ippremettew illi:

   a. *L-esponenti, għal numru ta' snin, għenu, wettqu serviġi u għamlu spejjeż mad-defunt John sive Giovanni Simiana **(Dok. 'A')**. L-esponenti dejjem taw u komplew jirrendu serviġi u jagħmlu spejjeż mad-defunt Simiana bl-isperanza u bl-aspettattiva tal-ħlas;*

   b. *John sive Giovanni Simiana miet fl-għoxrin (20) ta' Frar tal-elfejn u ħmistax (2015) **(Dok. 'B')**;*

   c. *Sal-lum il-ġurnata, l-esponenti għadhom ma tħallsux tas-serviġi li huma għamlu lid-defunt Simiana;*

   d. *B'hekk, l-esponenti jixtiequ illi jitħallsu għal tali serviġi li huma wettqu kważi sebgħa lid-defunt Simiana;*

   e. *Ir-rikorrenti **Emanuel Spagnol** [K.I. Nru. 353254(M)] u **Valentino sive Valent Vella** [K.I. Nru. 584057(M)] jafu personalment b'dawn il-fatti kollha;*

   *Għaldaqstant kellhom jiġu istitwiti dawn il-proċeduri;*

3. Għaldaqstant ir-rikorrenti talbu lil din il-Qorti sabiex:

   i. Tiddikjara illi r-rikorrenti Emanuel Spagnol wettaq serviġi u għajnuna lid-defunt John sive Giovanni Simiana u għalhekk jistħoqqlu l-ħlas ta' kumpens għal dak illi huwa għamel miegħu;

ii. Tiddikjara illi r-rikorrenti Valentino sive Valent Vella wkoll wettaq serviġi u għajnuna lid-defunt John sive Giovanni Simiana, u għalhekk jistħoqqlu l-ħlas ta' kumpens għal dak illi huwa għamel miegħu;

iii. Tillikwida, jekk ikun hemm bżonn bl-għajnuna ta' perit imqabbad, l-ammont xieraq illi jirrappreżenta l-kumpens hekk dovut lir-rikorrenti Emanuel Spagnol;

iv. Tillikwida, jekk ikun hemm bżonn bl-għajnuna ta' perit imqabbad, l-ammont xieraq illi jirrappreżenta l-kumpens hekk dovut lir-rikorrenti Valentino sive Valent Vella;

v. Tikkundanna lill-intimati jħallsu lir-rikorrenti Emanuel Spagnol il-kumpens hekk likwidat;

vi. Tikkundanna lill-intimati jħallsu lir-rikorrenti Valentino sive Valent Vella l-kumpens hekk likwidat;

Bl-ispejjeż kontra l-intimati;

4. B'digriet mogħti minn din il-Qorti kif diversement presjeduta nhar it-tlieta (3) ta' Frar 2022, ġew nominati l-Avukat Dr Mario Caruana u l-Prokuratur Legali Silvana Vella bħala kuraturi deputati sabiex jirrappreżentaw lill-eredi mhux magħrufa ta' John sive Giovanni Simiana. Dan wara r-rikors preżentat kontestwalment mar-rikors ġuramentat odjern;

5. Permezz ta' digriet mogħti fil-ħdax (11) ta' Frar 2022, din il-Qorti appuntat il-kawża għas-seduta ta' nhar il-Ħamis, 24 ta' Marzu 2022, b'ordni għan-notifika tar-rikors ġuramentat lill-intimati, illi ngħataw għoxrin (20) jum biex jirrispondu skont il-liġi, u sabiex il-partijiet jippreżentaw ukoll nota bid-dokumenti kollha fil-pussess tagħhom in sostenn tat-talba u/jew difiża rispettiva tagħhom;

6. Permezz ta' risposta datata erbgħa u għoxrin (24) ta' Marzu 2022, l-**Avukat Dr Mario Caruana u l-PL Silvana Vella**, fil-kwalita' tagħhom ta' kuraturi

deputati sabiex jirrappreżentaw lill-eredi mhux magħrufa ta' John sive Giovanni Simiana, eċċepew:

a. *Illi preliminarjament it-talbiet attrici kif premessi huma in parti preskritti a tenur ta' l-artikolu 2156 (f) tal-Kodici Civili, Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta, 1984.*

b. *Illi bla pregudizzju ghas-suespost, l-Esponenti m'humiex edotti mil-fatti dwar dan il-kaz.*

c. *Illi bla pregudizzju ghas-suespost, it-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt stante li inter alia r-Rikorrenti ma ssostanzzjawx it-talba taghhom fir-rikors guramentat bi prova prima facie li permezz taghha juru x'relazzjoni kellhom mad-decuius, Giovanni Simiana, u jekk kienx hemm l-accettazzjoni tieghu li r-Rikorrenti jirrendulu kwalsiasi servigi.*

d. *Salv eccezzjonijiet ohra permessibbli skont il-Ligi f' kaz fejn il-kuraturi deputati noe jirnexxilhom jaghmlu kuntatt ma' xi wiehed mill-werrieta tad-defunt Giovanni Simiana wara li jigu provduti bl-ahhar dettalji jew dawk id-dettalji maghrufa mir-Rikorrenti, inkluz ir-ricerki testamentarji li setghu jaghmlu.*

**Il-Qorti**

7. Reġgħet rat ir-rikors ġuramentat tar-rikorrenti Emanuel Spagnol et u d-dokumenti annessi miegħu, cioe: (a) dikjarazzjoni ġuramentata magħmula mit-Tabib Salvino Griscti nhar il-5 ta' Jannar 2021 (**Dok A** a fol 6 tal-proċess); u (b) ċertifikat tal-mewt ta' John sive Giovanni Simiana (**Dok B** a fol 7 tal-proċess);

8. Reġgħet rat id-digriet ta' din il-Qorti kif diversement presjeduta datat tlieta (3) ta' Frar 2022 illi permezz tiegħu ġew nominati l-Av Dr Mario Caruana u

l-Prokuratur Legali Silvana Vella bħala kuraturi deputati sabiex jirrappreżentaw lill-intimati eredi mhux magħrufa fil-kawża odjerna;

9. Rat ir-risposta ġuramentata tal-Av Dr Mario Caruana et noe;

10. Rat l-affidavit ta' **Emanuel Spagnol**, immarkat **Dok AF1** a fol 31-32 tal-proċess, u l-affidavit ta' **Valentino Vella**, immarkat **Dok AF2** a fol 34-35 tal-proċess;

11. Semgħet ix-xhieda *viva-voce* ta' **Carlos Stivala** waqt is-seduta tal-erbgħa u għoxrin (24) ta' Mejju 2022[1];

12. Rat iċ-ċertifikat tal-Qorti Ċivili (Sezzjoni Ġurisdizzjoni Volontarja) illi permezz tiegħu ġie konfermat illi Giovanni Simiana ma kellux testmenti sigrieti (a fol 53 tal-proċess), esebit mir-rikorrenti;

13. Semgħet ix-xhieda *viva-voce* ta' **Dr Silvio Griscti** waqt is-seduta tat-tnejn u għoxrin (22) ta' Settembru 2022[2];

14. Rat iċ-ċertifikat tal-mewt ta' Mary Anne Simiana (**Dok AF3** a fol 66 tal-proċess) u ta' Carmela Simiana (**Dok AF4** a fol 67 tal-proċess), esebiti mir-rikorrenti;

15. Semgħet ix-xhieda *viva-voce* tan-**Nutar Peter Carbonaro** waqt is-seduta tat- tlieta (3) ta' Novembru 2022[3];

16. Semgħet ix-xhieda *viva-voce* ta' **Joanna Bartolo** in rappreżentanza tal-**Bank of Valletta plc** waqt is-seduta tat-tlieta (3) ta' Novembru 2022[4], u rat id-dokumenti minnha esebiti u mmarkati **Dok JB1** u **Dok JB2** a fol 81 *et seq* u 113 *et seq* tal-proċess rispettivament;

[1] It-traskrizzjoni tax-xhieda tiegħu tinsab a fol 45 *et seq* tal-proċess
[2] It-traskrizzjoni tax-xhieda tagħha tinsab a fol 55 *et seq* tal-proċess
[3] It-traskrizzjoni tax-xhieda tiegħu tinsab a fol 73 *et seq* tal-proċess
[4] It-traskrizzjoni tax-xhieda tiegħu tinsab a fol 55 *et seq* tal-proċess

17. Semgħet ix-xhieda *viva-voce* ta' **Lorraine Attard** in rappreżentanza tal-**HSBC Bank Malta plc** waqt is-seduta tat-tlieta (3) ta' Novembru 2022[5], u rat id-dokumenti minnha esebiti u mmarkati **Dok LA1 sa Dok LA3** a fol 118 *et seq* tal-proċess;

18. Semgħet ix-xhieda *viva-voce* ta' **Charmaine Psaila Rajhi** in rappreżentanza tal-**APS Bank Ltd** waqt is-seduta tat-tlieta (3) ta' Novembru 2022[6];

19. Semgħet ix-xhieda *viva-voce* ta' **Vanessa Bonello** in rappreżentanza tal-**Lombard Bank plc** waqt is-seduta tat-tlieta (3) ta' Novembru 2022[7];

20. Semgħet ix-xhieda *viva-voce* ta' **Lucienne Sammut** in rappreżentanza tal-**BNF Bank** waqt is-seduta tat-tlieta (3) ta' Novembru 2022[8];

21. Semgħet ix-xhieda *viva-voce* ta' **PL Gerald Bonello** in rappreżentanza tal-**MeDirect Bank Malta plc** waqt is-seduta tat-tlieta (3) ta' Novembru 2022[9], u rat id-dokument minnu esebit u mmarkat **Dok GB1** a fol 155 tal-proċess;

22. Rat ir-riċerki proprjetarji tas-Sur Giovanni Simiana maħruġa mir-Reġistru Pubbliku ta' Malta (**Dok RP3** a fol 158 *et seq* tal-proċess);

23. Rat il-prospett tal-ispejjeż esebit mir-rikorrenti in sostenn tat-talba tagħhom (**Dok X1** a fol 169-170 tal-proċess);

24. Rat illi, waqt is-seduta tat-tnejn (2) ta' Frar 2023, il-kuratur Dr Caruana ddikjara illi għamel l-indaġini jekk hemmx qraba oħra tad-*decujus*, iżda mill-indaġini li għamel ma identifikax werrieta jew persuni oħra li għandhom interess fl-eredita' tal-mejjet. Għaldaqstant iddikjara illi huwa ma kellu l-ebda provi xi jressaq f'dan il-każ;

---

[5] It-traskrizzjoni tax-xhieda tiegħu tinsab a fol 115 *et seq* tal-proċess
[6] It-traskrizzjoni tax-xhieda tiegħu tinsab a fol 147-148 tal-proċess
[7] It-traskrizzjoni tax-xhieda tiegħu tinsab a fol 149-150 tal-proċess
[8] It-traskrizzjoni tax-xhieda tiegħu tinsab a fol 151-152 tal-proċess
[9] It-traskrizzjoni tax-xhieda tiegħu tinsab a fol 153-154 tal-proċess

25. Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tar-rikorrenti datata sbatax (17) ta' Marzu 2023 (a fol 172 *et seq* tal-proċess);

26. Rat illi l-intimati noe naqsu mill-jippreżentaw nota ta' sottomissjonijiet fit-terminu lilhom konċess;

27. Rat illi l-kawża ġiet differita għas-seduta tal-lum għas-sentenza;

28. Tagħmel is-segwenti konsiderazzjonijiet:

**Konsiderazzjonijiet Legali**

**A. <u>Eċċezzjoni tal-Preskrizzjoni</u>**

29. Fl-ewwel paragrafu tar-risposta tagħhom, l-intimati noe jeċċepixxu l-preskrizzjoni ta' ħames snin fit-termini tal-Artikolu 2156(f) tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta, illi jistabbilixxi:

> *2156. L-azzjonijiet hawn taħt imsemmija jaqgħu bi preskrizzjoni bl-egħluq ta' ħames snin:*
> *[...]*
> *(f.) l-azzjonijiet għall-ħlas ta' kull kreditu ieħor li ġej minn operazzjonijiet kummerċjali jew minn ħwejjeġ oħra, meta l-kreditu ma jkunx jaqa', skont din il-liġi jew liġijiet oħra, taħt preskrizzjoni aqsar, jew ma jkunx jirriżulta minn att pubbliku;*
> *[...]*

30. Dan l-artikolu m'għandux jitqies *in vacuo*, iżda fit-termini ta' dak stabbilit mill-Artikolu 2137 tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta, cioe:

> *2137. Bla ħsara ta' dispożizzjonijiet oħra tal-liġi, il-preskrizzjoni ta' azzjoni tibda minn dak in-nhar li din l-*

*azzjoni tista' tiġi eżerċitata; mingħajr ma jittieħed qies tal-istat jew tal-kondizzjoni tal-persuna li lilha din l-azzjoni tmiss.*

u dak stabbilit fl-Artikolu 2160 tal-Kap 16, u cioe:

*(1) Il-preskrizzjonijiet imsemmija fl-artikoli 2147, 2148, 2149 u 2157 m'għandhomx effett jekk il-partijiet li jeċċepuhom, ma jagħtux ġurament min jeddhom waqt il-kawża li mhumiex debituri, jew li ma jiftakrux jekk il-ħaġa ġietx imħallsa.*

*(2) Jekk il-ġurament jingħata mill-werrieta tal-persuna li tagħha l-attur jippretendi li kien kreditur, jew minn oħrajn li l-jeddijiet tagħhom ġejjin mingħand dik il-persuna, il-preskrizzjonijiet fuq imsemmija ma jkollhomx effett jekk huma ma jistqarrux li ma jafux li l-ħaġa għandha tingħata.*

*[...]*

31. Fit-termini tal-Artikolu 2160 tal-Kap 16, il-preskrizzjoni ma jkollhiex effett jekk il-partijiet li jeċċepuha ma jagħtux ġurament **minn jeddhom** waqt il-kawża li jew (a) m'humiex debituri, jew (b) li ma jiftakrux jekk il-ħaġa ġietx imħallsa, jew (c) fil-każ illi l-kawża ssir kontra werrieta tal-allegat debitur, li ma jafux li l-ħaġa għandha tingħata;

32. Fis-sentenza mogħtija fl-ismijiet ***Automated Revenue Management Limited pro et noe vs Topcar Limited***[10], din il-Qorti kif diversement presjeduta għamlet studju akkurat u dettaljat dwar il-ġurament imsemmi fl-Artikolu 2160 tal-Kap 16, u cioe dak illi kien oriġinarjament ġie stabbilit f'dan l-artikolu, u l-emendi illi segwew permezz tal-Att I tal-2017 u l-Att VII tal-2017. Din il-Qorti kif diversement presjeduta tinnota kif, filwaqt illi oriġinarjament id-debitur ma kienx kostrett illi jieħu ġurament dwar id-

[10] Rik Nru 93/2017, Qorti Ċivili (Prim'Awla), Onor Imħ G Mercieca, 17 ta' Jannar 2018 (in ġudikat)

debitu, iżda kienet tispetta lill-kreditur l-għażla dwar jekk jiddeferix il-ġurament lill-persuna li teċċepixxi l-preskrizzjoni jew le, permezz tal-Att I tal-2017: (a) il-ġurament kellu jiġi mogħti mill-parti illi teċċepih minn jeddha, (b) il-parti li tagħti ġurament kellha, apparti illi tiddikjara illi mhix debitriċi jew li ma tiftakarx jekk il-ħaġa ġietx imħallsa, tagħti wkoll raġunijiet għalfejn kienet qed tqis lilha nnifisha li mhix debitriċi, u (c) il-parti li teċċepixxi l-preskrizzjoni ma setgħetx tagħti bħala raġuni l-mogħdija taż-żmien. Mill-banda l-oħra, wara l-emenda illi segwiet permezz tal-Att VII tal-2017, l-Artikolu 2160 illum jistabbilixxi illi: (a) il-ġurament għadu jrid jiġi mogħti mill-parti illi teċċepih minn jeddha, iżda (b) tneħħiet il-ħtieġa tal-għoti tar-raġunijiet, għajr f'ċerti kawżi li fihom il-Gvern ikun kreditur. Il-Qorti rriteniet:

> *Il-liġi għalhekk daret ċirku tond għal dak li kienet oriġinarjament – jew kważi; għaliex ix-xelta għall-għoti tal-ġurament, kif għadha kif qalet din il-Qorti, tneħħiet minn idejn il-kreditur u saret tassattiva. Din hija bidla radikali. Billi huwa d-debitur-konvenut li jrid jixhed, din il-Qorti hija tal-fehma li dan għandu jsir biss wara li jintemmu l-provi tal-kreditur-attur li allura jkollu kull opportunita' jressaq il-provi dwar l-eżistenza tal-kreditu, u kwalunkwe sospensjoni jew interruzzjoni tal-perjodu tal-preskrizzjoni. Il-Qorti hija tal-fehma li l-ġurament baqa' deċiżorju fis-sens biss li jimpunja l-kreditu pretiż iżda mhux ukoll is-sospensjoni jew l-interruzzjoni tal-perjodu tal-preskrizzjoni. Altrimenti jkun ippreġudikat il-kreditur li ebda prova ma jkollu disponibbli jekk id-debitur jagħżel li jifruwixxi ruħu mill-ġurament. Din żgur ma kinitx l-intenzjoni tal-leġislatur.*

33. Fuq l-istess binarju ddeċidiet ukoll il-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) fis-sentenza mogħtija fl-ismijiet ***Bottega Del Marmista Limited vs Paul Mifsud et***[11]:

[11] Appell Nru 286/2015, Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri), Onor Imħ Anthony Ellul, 26 ta' Jannar 2018

*Bl-emenda li saret bl-Att I tal-2017, il-leġislatur impona fuq il-konvenut l-obbligu li jieħu l-ġurament u fin-nuqqas il-konvenut ma jkunx jista' jieħu benefiċċju mill-preskrizzjonijiet qosra. Ovvjament, il-konsegwenzi legali li żviluppaw mill-ġurisprudenza dwar il-ġurament deċiżorju li ssemmew mill-ewwel qorti f'paġna 19 u 20 tas-sentenza, kienu japplikaw f'xenarju partikolari, cjoe meta l-attur jagħti l-ġurament lill-konvenut. Fil-każ in eżami, il-konvenuti xehdu minn jeddhom. Il-fatt li hi l-liġi li timponi fuq il-konvenut li jixhed biex ikun jista' jinvoka l-preskrizzjonijiet qosra, ma jbiddel xejn. Għaldaqstant, illum irrispettivament x'jixhed il-konvenut* ***minn jeddu meta jieħu l-ġurament kontemplat fl-artikolu 2160 tal-Kodiċi Ċivili****, l-attur għandu kull dritt li jagħti prova li kien hemm interruzzjoni jew rinunzja għall-preskrizzjoni. Din kienet wara kollox ukoll il-posizzjoni qabel l-emenda tal-artikolu 2160 tal-Kodiċi Ċivili meta l-konvenut kien jagħżel li jixhed minn jeddu.*

34. Fil-każ odjern, l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni ma ġietx sollevata mill-intimati, illi huma indikati bħala *"l-eredi mhux magħrufa ta' John sive Giovanni Simiana"*, iżda minn kuraturi deputati illi qed jirrappreżentaw lill-istess eredi mhux magħrufa. Ir-rikorrenti, fin-nota ta' sottomissjonijiet tagħhom, isostnu illi minkejja illi, fil-każ odjern, l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni qed tiġi sollevata minn kuraturi deputati, ma jfissirx illi l-istess kuraturi deputati kienu eżentati milli jagħtu l-ġurament minn jeddhom kontemplat fl-artikolu 2160 tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta. Jagħmlu referenza in sostenn għall-pożizzjoni tagħhom għas-sentenza mogħtija fl-ismijiet ***Bank of Valletta plc vs Dr Joseph Ellis noe***[12]:

[12] Appell Inferjuri Nru 522/2018/1, Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri), Onor Imħ L Mintoff, 2 ta' Settembru 2020

*12. Issa kif sewwa osserva t-Tribunal, is-subartikolu 2160(1) tal-Kap. 16 ma jagħmel l-ebda distinzjoni bejn id-debitur proprju u dak rappreżentat minn kuratur deputat. Id-dispożizzjonijiet ta' dan is-subartikolu tal-liġi huma ċari u inekwivoċi u ma jagħtix xi setgħa lil din il-Qorti sabiex tiddeċiedi li dan mhux applikabbli fejn id-debitur huwa rappreżentat minn kuratur deputat. Għaldaqstant l-appellant fil-kawża odjerna kellu l-obbligu li jottempora ruħu ma' dawk id-dispożizzjonijiet jekk ried li tirnexxi l-eċċezzjoni tiegħu ta' preskrizzjoni. Iżda waqt l-udjenza tal-11 ta' Marzu, 2019, għall-kuntrarju Dr Joseph Ellis iddikjara "...illi huwa fi kwalità tiegħu ta' Kuratur Deputat tal-konvenut assenti mhuwiex f'pożizzjoni illi jottempera ruħhu mal-vot tal-Liġi" u għalhekk din il-Qorti tqis li l-pożizzjoni tiegħu fid-dawl ta' dak li jirrikjedi s-subartikolu 2160(1) tal-Kap. 16, ma tħalli l-ebda dubju li l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni ma setgħetx tingħata minnu. Il-Qorti tosserva li l-appellant nomine jagħmel riferiment għal dikjarazzjoni ġuramentata magħmula minnu u saħansitra jiċċitaha, iżda ma jidhirx li din saret fil-proċeduri odjerni, iżda forsi f'proċeduri oħrajn, u dan filwaqt li tirrileva li l-appellant ma jistax jippretendi li għandu jkun hu li jiddeċiedi kif għandha tiġi interpretata l-liġi u jekk tali dikjarazzjoni ġuramentata tissodisfax il-vot tas-subartikolu 2160(1) tal-Kap. 16.*

35. Ir-rikorrenti jagħmlu referenza wkoll għas-sentenza mogħtija fl-ismijiet ***Bank of Valletta plc vs L-Avukat Dr Patrick Valentino noe et***[13], fejn ġie ritenut illi:

---

[13] Rik Ġur Nru 843/2015, Qorti Ċivili (Prim'Awla), Onor Imħ M Hayman, 17 ta' Jannar 2018 (Għalkemm din is-sentenza ġiet revokata mill-Qorti tal-Appell (Superjuri) nhar il-31 ta' Mejju 2023, ir-raġuni għalfejn ġiet revokata kienet illi l-Ewwel Qorti ma kinitx ikkonsidrat illi l-preskrizzjoni ġiet eċċepita qabel l-emendi tal-2017, u mhux l-interpretazzjoni tal-Ewwel Qorti tal-Artikolu 2160 tal-Kap 16 per se.)

> *Hawn pero jinhtieg isir punt iehor li jemmergi llum mill-emendi lli saru fl-istitut tal-gurament decisorio u cioe dawk kif provduti fis-sub inciz wiehed ta' l-istess artikolu 2160 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta. Llum dan is-sub-inciz gie emendat fis-sens li min qieghed jressaq eccezzjoni ta' preskrizzjoni irid minn jeddu u mhux fuq talba ta' l-attur, kif fil-vera natura tieghu hu saput il-gurament decisorio, jistqarr u jixhed li mhuwiex debitur jew li ma jiftakarx jekk il-haga gietx mhallsa. Isegwi allura lli lanqas m'ghadu jista jigi sollevat li ma jistax jigi defirit il-gurament decisorio lil deputat kuratur, ghaliex issa dan darba li ghazel il-linja ta' preskrizzjoni bhala difiza, irid tassativament minn jeddu jitla' u jistqarr dak miltlub minnu ex lege. Mela kull kuratur deputat jista jissolva tali eccezzjoni pero jinhtieglu illi jkun ben ighammar bl-informazzjoni li trid minnu l-ligi biex jkun jista jsostni l-eccezzjoni minnu mressqa. Lanqas ghalhekk ma baqa l-kaz llum li wiehed jitkellem fuq gurament defirit lil debitur ghaliex biex id-debitur issostni b'success l-eccezzjoni ta' preskrizzjoni kwinkwenali waqa fuqu l-piz li jaghti dan il-gurament, m'ghadux il-kaz fejn l-attur jistrieh fuq il-kuxjenza tad-debitur, fin-nuqqas l-eccezzjoni mressqa ma ssibx success.*

36. Filwaqt illi din il-Qorti tirrikonoxxi l-importanza tal-ġurament mogħti fit-termini tal-Artikolu 2160 tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta sabiex tirnexxi l-eċċezzjoni ta' preskrizzjoni ai termini tal-Artikolu 2156(f) kif ġeneralment sollevata fi proċeduri bejn kredituri / debituri, din il-Qorti ma taqbilx mal-pożizzjoni rikorrenti fil-kawża odjerna;

37. Primarjament, din il-Qorti tqis illi t-test tal-liġi jimponi l-obbligu tal-ġurament fuq *"il-partijiet li jeċċepuhom"*. A bażi tal-prinċipju illi *ubi lex voluit dixit*, li kieku l-leġislatur ried jinkludi wkoll <u>rappreżentanti</u> tal-partijiet li jeċċepixxu l-preskrizzjoni, il-liġi kienet tagħmel referenza speċifika għal dan. L-Artikolu

922 tal-Kap 12 jistabbilixxi illi l-kuraturi jiġu maħtura sabiex *"jidhru u jiddefendu fil-qrati superjuri jew fil-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) fil-kompetenza tagħha superjuri – (a) fl-interess ta'* [persuni oħra]*"*, cioe mhux bħala parti *per se*, b'dana illi għalhekk din il-Qorti tifhem illi l-Artikolu 2160 tal-Kap 16 m'għandux jiġi interpretat daqslikieku qed jimponi wkoll fuq kuratur deputat maħtur sabiex jirrappreżenta l-interessi ta' ħaddieħor l-obbligu illi jieħu l-ġurament kif *di solito* impost fuq kwalsiasi debitur ieħor illi jkun qed jidher fil-kawża f'ismu proprju;

38. In oltre, din il-Qorti tirrileva illi fil-każ odjern, kienu r-rikorrenti stess illi bnew il-kawża kollha fuq il-premessa illi l-allegati eredi[14] ta' Giovanni Simiana, u cioe oħtu Mary Anne u oħtu Carmela, mietu xebbiet mingħajr ulied[15], b'dana illi għalhekk m'hemmx eredi oħra illi kontrihom setgħet tiġi intavolata l-kawża. Għaldaqstant, din il-Qorti ma tarax kif il-kuraturi deputati maħtura sabiex jirrappreżentaw l-eredi mhux magħrufa ta' Giovanni Simiana setgħu jkunu mgħammra b'informazzjoni illi setgħet tagħtihom il-possibilta' illi jieħdu l-ġurament kontemplat fl-Artikolu 2160 tal-Kap 16 minn jeddhom. Infatti, waqt is-seduta tat-tnejn (2) ta' Frar 2023[16], il-kuratur Dr Caruana ddikjara illi kien għamel indaġini dwar jekk hemmx qraba oħra tad-*decujus*, iżda mill-indaġini li għamel ma identifikax werrieta jew persuni oħra li għandhom interess fl-eredita' tal-mejjet;

39. Huwa ben risaput illi l-preskrizzjoni hija bbażata fuq il-prinċipju fundamentali illi min jippretendi li għandu dritt, għandu jieħu kura tiegħu billi jeżerċitah fi żmien raġjonevoli. It-termini tal-preskrizzjoni huma preċiżament intiżi sabiex jaffermaw iċ-ċertezza tad-dritt kemm għall-kreditur kif ukoll għad-debitur, sabiex id-debitur ma jibqax indefinittivament soġġett għal proċeduri fil-konfront tiegħu minn kwalsiasi persuna illi tqis

[14] Il-Qorti tinnota illi filwaqt illi nġabet prova illi Giovanni Simiana ma ħalla ebda testment sigriet warajh (a fol 53 tal-proċess), ma ġiex esebit it-testment ta' Giovanni Simiana, illi skont ir-riċerki proprjetarji maħruġa mir-Reġistru Pubbliku ta' Malta u esebiti mir-rikorrenti stess (**Dok RP3** a fol 164 tal-proċess), ġie pubblikat fl-atti tan-Nutar Dr G Cassar nhar is-16 ta' Lulju 1993
[15] Ara para 2 tal-affidavit ta' Valent Vella, immarkat **Dok AF2** a fol 34 tal-proċess, u ċ-ċertifikati tal-mewt ta' Mary Anne Simiana u ta' Carmela Simiana mmarkati **Dok AF3** u **AF4** rispettivament, a fol 66 u 67 tal-proċess
[16] Vide verbal a fol 171 tal-proċess

lilha nnifisha kreditur. Din il-Qorti għalhekk tqis illi jekk f'każ bħal dak odjern, fejn l-allegati debituri m'humiex magħrufa u hemm possibilta' kbira illi lanqas biss jeżistu, ikun impossibbli illi tirnexxi l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni, stante illi m'hemm l-ebda mod illi jista' jittieħed il-ġurament fit-termini tal-Artikolu 2160 tal-Kap 16. Dan bil-konsegwenza illi d-dritt sabiex tiġi istitwita azzjoni bħal dik odjerna, fejn ir-rikorrenti qed jitolbu ħlas għal serviġi li jmorru lura sa mill-1995, jibqgħu eżerċitabbli b'mod indefinit, bi vjolazzjoni tal-prinċipji tal-liġi naturali;

40. Huwa minnu illi l-Artikolu 2160 tal-Kap 16, kif emendat, irrenda l-ġurament tad-debitur bħala wieħed tassattiv sabiex tirnexxi l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni, iżda din il-Qorti tirrileva illi l-liġi għandha tkun applikata b'mod ġust u raġjonevoli. Ikun irraġjonevoli illi wieħed jippretendi illi kuratur deputat illi m'għandu l-ebda mezz illi permezz tiegħu jkun mgħammar b'informazzjoni dwar iċ-ċirkostanzi ta' każ partikolari, bħal fil-każ odjern, jagħti ġurament tax-xorta rikjesta mill-Artikolu 2160 tal-Kap 16, jew inkella, fin-nuqqas tiegħu illi jagħmel dan, ikun rinfaċċjat bl-impossibilita' illi jeċċepixxi l-preskrizzjoni;

41. Fil-fehma tal-Qorti, f'każ bħal dak odjern, kien mistenni mill-kuraturi deputati illi jissollevaw l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni, bħala waħda mill-miżuri sabiex jittutelaw il-jeddijiet tal-persuni li qed jirrappreżentaw kif inhu d-dmir tagħhom fit-termini tal-Artikolu 936 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta. Madanakollu, din il-Qorti tkun qed tippenalizza lill-istess kuraturi deputati talli jagħmlu xogħolhom jekk imbagħad twaqqa' l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni sempliċiment għaliex ikunu fl-impossibilita' illi jieħdu ġurament kif rikjest mill-Artikolu 2160 tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta;

42. Fid-dawl tal-premess, din il-Qorti ma tqisx illi l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni sollevata mill-intimati noe ma tistax tirnexxi għas-sempliċi raġuni illi ma ngħatax il-ġurament rikjest mill-Artikolu 2160 tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta;

43. Fit-tieni lok, imbagħad, huwa prinċipju stabbilit illi, hekk kif ġie ritenut fis-sentenza mogħtija fl-ismijiet ***George Sciberras et vs Josephine Spiteri et***[17] sabiex tirnexxi l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni:

> *Il-gurisprudenza in materja hija wahda kostanti fis-sens li hemm lok ghall-preskrizzjoni f'kazijiet ta' servigi jew prestazzjonijiet ohra, avvolja jkun hemm kontinwazzjoni taghhom. U l-Qrati Taghna, anki f'kazijiet recenti, applikaw il-preskrizzjoni kwinkwennali meta hemm kontinwita` tas-servigi. Dan il-principju gie ribadit fis-sentenza tal-Prim Awla tal-Qorti Civili tas-17 ta' Jannar, 1955 fil-kawza "Agostino Pace et vs Antonio Agius noe" fejn jinghad espressament li "l-azzjoni ghall-hlas ta' servigi u ghar-restituzzjoni ta' spejjez ghal somministrazzjonijiet maghmula lill-persuna servuta tippreskrivi ruhha f'hames snin; u c-cirkustanza li s-servigi jew somministrazzjonijiet jkunu kontinwi, jew bla interruzzjoni, mhux bizzejjed biex timpedixxi illi l-preskrizzjoni tibda tiddekorri. B'dan li l-kontinwita` jew reiterazzjoni tas-servigi jew somministrazzjonijiet ma tissospendix il-bidu jew il-kors tal-preskrizzjoni, u lanqas ma timporta, ghalkemm accettata mid-debitur, interruzzjoni tal-preskrizzjoni tal-kreditu ghas-servigi jew somministrazzjonijiet anterjuri. Ghaliex l-att ta' persuna li taccetta mill-gdid il-prestazzjonijiet ma jistax iwassal ghall-ammissjoni tad-debitu dwar prestazzjonijiet anterjuri, jew ghal rikonoxximent ta' drittijiet dwar dawk il-prestazzjonijiet anterjuri, jew ghal xi rinunzja ghall-preskrizzjoni tad-dritt naxxenti minn prestazzjonijiet anterjuri."*

[17] Appell Ċivili Nru 438/1993/2, Qorti tal-Appell (Superjuri), 1 t'April 2005

44. In oltre, imbagħad, ġie ritenut fis-sentenza mogħtija fl-ismijiet ***Anthony Brincat et vs Dr Renzo Porsella Flores et noe***[18]:

> *21. [...] jekk min irċieva s-servizzi kien għaraf dan il-fatt f'xi att pubbliku, ma jistax iqanqal il-preskrizzjoni tal-pretensjoni għall-ħlas magħmula minn min ikun ta s-servizzi. Sakemm dak l-att ma jitħassarx b'ieħor, iż-żmien tal-preskrizzjoni jkun wieqaf. B'mod partikolari, jekk f'testment jitħalla legat ta' ħlas lil xi ħadd għal servizzi mogħtija lit-testatur, dak il-legat għandu s-saħħa ta' dikjarazzjoni affermattiva ta' stqarrija ta' kumpens. Iżda fejn l-għarfien ma jkunx sar b'att pubbliku, il-kwestjoni tieħu xejra oħra. L-għarfien mhux bilfors iseħħ b'kitba f'dan is-sens, iżda jista' jsir bil-fomm, għalkemm il-prova ta' dan trid tkun aktar qawwija u ċara minn sempliċi riferenza għal xi diskors ġeneriku jew impliċitu;*
>
> *22. Illi madankollu f'dan ir-rigward il-fatt waħdu li l-persuna debitriċi tal-obbligazzjoni tkun baqgħet taċċetta l-qadi li jkun sar magħha mhux dejjem jissarraf fl-għarfien tal-obbligazzjoni tagħha lejn min ikun qiegħed jaqdiha. Kemm hu hekk qamet matul is-snin il-kwestjoni jekk kemm-il darba dik l-aċċettazzjoni twaqqax il-preskrizzjoni dwar serviġi li jkunu ngħataw fi żmien ta' qabel. Jidher li x-xejra preponderanti tad-deċiżjonijiet f'dan ir-rigward hi fis-sens li dik l-aċċettazzjoni ma żżommx ħajja l-pretensjonijiet ta' kumpens dwar serviġi li jkunu saru fi żmien aktar qabel minn ħames snin. Għalhekk, f'dak il-każ, iż-żmien li jrid jitqies għall-ħlas tal-kumpens irid ikun l-aħħar ħames snin qabel ma dak il-qadi jkun intemm. Meta l-persuna li magħha saru s-serviġi tkun hekk baqgħet tingħata s-serviġi sa ma*

[18] Appell Ċiv Nru 529/2012/1, Qorti tal-Appell (Superjuri), 17 ta' Marzu 2021

*mietet, dak iż-żmien jitkejjel minn ħames snin qabel il-mewt tagħha;*

*23. Illi l-ewwel Qorti sabet li Salvatore Grima kien għaraf l-impenn tal-atturi appellanti f'dak li kienu jagħmlu miegħu u qieset li dan l-għarfien kien biżżejjed biex jikser iż-żmien preskrittiv u li b'hekk "kien aċċetta li hu debitur tal-atturi". Hawnhekk ukoll, dik il-fehma tirrappreżenta l-apprezzament tal-fatti magħmul mill-ewwel Qorti u dak li ngħad aktar qabel dwar l-aggravji tal-atturi appellanti, jgħodd bl-istess qawwa hawn ukoll. Imma b'daqshekk ma jfissirx li l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni sfat bla siwi. Jekk kien hemm tabilħaqq għarfien min-naħa ta' Grima, dan kien jikser il-preskrizzjoni, u mhux jimpediha u wisq anqas jissospendiha. Imma kull ksur tal-preskrizzjoni ma jżommx milli l-preskrizzjoni tista' tibda miexja mill-ġdid;*

*24. Illi, għalhekk ukoll, bit-tħaddim tar-regoli tal-liġi, dan ifisser li mqar jekk Grima għamel dikjarazzjoni f'dan is-sens dakinhar li tilef ħajtu b'daqqa ta' karozza, iż-żmien tal-preskrizzjoni reġa' beda miexi minn dakinhar, ukoll jekk tali dikjarazzjoni kienet tikkostitwixxi rinunzja tal-preskrizzjoni li kienet laħqet għalqet żmien qabel. Din il-Qorti għalhekk issib li l-Kuraturi appellanti jgħidu sewwa meta jisħqu li l-pretensjonijiet attriċi ma jistgħux imorru lura għal aktar minn ħames snin minn dakinhar li Grima miet. Grima miet fis-27 ta' Novembru tal-2009. L-atturi fetħu l-kawża fit-28 ta' Mejju, 2012, jiġifieri sentejn u nofs wara l-mewt ta' Grima. Ma ssemma bl-ebda mod u lanqas tressqet prova li, wara l-mewt ta' Grima, l-atturi għamlu xi talba ġudizzjarja għal-likwidazzjoni u l-ħlas tas-serviġi pretiża minnhom sa dakinhar li fetħu l-kawża. Il-kawża hija talba ġudizzjarja li tikser iż-żmien preskrittiv,*

*imma ma terġax tagħti ħajja għal dak li jkun diġa` preskritt;*

45. Applikati dawn il-prinċipji għall-każ odjern, din il-Qorti tibda billi tosserva illi ma nġabet l-ebda prova illi ntbagħtet jew ġiet intavolata xi ittra uffiċjali jew att ġudizzjarju ieħor mir-rikorrenti qabel jew wara l-mewt ta' Giovanni Simiana, sakemm finalment ġiet istitwita l-kawża odjerna permezz ta' rikors ġuramentat datat ħdax (11) ta' Jannar 2022;

46. In oltre, imbagħad, jirriżulta illi Giovanni Simiana ġie nieqes nhar l-għoxrin (20) ta' Frar 2015[19], u cioe kważi seba' (7) snin qabel ġiet intavolata l-kawża odjerna;

47. **Emanuel Spagnol** jgħid fl-affidavit tiegħu, *"Giovanni sa mill-bidu li bdejna nieħdu ħsiebu kien jgħidilna illi ħaqqna li nitħallsu. Kien jgħidilna pero' li dak iż-żmien ma kellux flus biex iħallasna, imma dejjem kien jgħid li wara l-mewt tiegħu, hemm biżżejjed biex nitħallsu kemm jien u kemm Valent."*[20] **Valent Vella** jikkonferma wkoll fl-affidavit tiegħu, *"Minkejja li konna nħallsulu dawn il-flus, qatt ma ħadna xejn lura. Kien jgħidilna illi meta jmut, hemm ħafna x'nistgħu nieħdu biex jagħmel tajjeb għall-flus li nfaqnielu u għas-servizzi li għamilna miegħu."*[21] Jgħid ukoll, *"Is-Sur Giovanni dejjem kien jgħidilna li wara l-mewt tiegħu, aħna se nitħallsu żgur; iżda għadna ma tħallasna ta' xejn."*[22]

48. Mingħajr preġudizzju għall-fatt illi ma nġabet l-ebda prova oħra, għajr il-kelma tar-rikorrenti, illi Giovanni Simiana kien wiegħed ħlas lir-rikorrenti għal serviġi minnhom reżi, din il-Qorti tqis illi anke jekk, għall-grazzja tal-argument, sa dakinhar illi ġie nieqes, Giovanni Simiana kien għadu jwiegħed lir-rikorrenti illi ser jaħseb fihom wara mewtu, kwalsiasi dritt illi seta' xi darba kellhom ir-rikorrenti għal ħlas ta' serviġi pretiżi minnhom ġie preskritt sena u ħdax-il xahar qabel ġiet intavolata l-kawża odjerna;

---

[19] Vide **Dok B** anness mar-rikors promotur, a fol 7 tal-proċess
[20] Vide para 9 f'**Dok AF1** a fol 31 tal-proċess
[21] Vide para 8 f'D**ok AF2** a fol 34 tal-proċess
[22] Vide para 15 f'**Dok AF2** a fol 35 tal-proċess

49. Konsegwentement, minħabba dawn il-konsiderazzjonijiet u l-prinċipji legali li joħorġu minnhom, din il-Qorti ssib illi l-ewwel eċċezzjoni sollevata mill-intimati noe għandha tiġi milqugħa, b'dana illi l-azzjoni odjerna qiegħda tiġi dikjarata **preskritta fit-termini tal-Artikolu 2156(f) tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta,** u għalhekk ma tistax tirnexxi.

**B. <u>Il-Mertu</u>**

50. Gialadarba din il-Qorti qed tilqa' l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni, din il-Qorti sejra tastjeni milli tidħol fil-mertu tal-kawża.

**Decide**

51. Għal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi:

(i) **<u>Tilqa</u>'** l-ewwel eċċezzjoni tal-intimati noe; u konsegwentement

(ii) **<u>Tiċħad</u>** it-talbiet rikorrenti.

Bl-ispejjeż ta' din il-kawża a kariku tar-rikorrenti.

**Moqrija.**

**Onor Imħallef Dr Audrey Demicoli LL.D.**

**Karen Bonello**
**Deputat Reġistratur**